MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru. 936/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**KONTRA**

**DAVID FARRUGIA ta' 37 sena, iben il-mejjet Grezzju u Frances nee' Vella, imwieled Tal-Pieta' nhar it-22 ta' Ottubru, 1974, residenti fil-fond numru 11, Sqaq il-Fatha, Triq il-Kapuccini, Haz-Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0507674M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **David Farrugia** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-2 ta' Settembru, 2006 u fil-granet u x-xhur ta'qabel, b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-

Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-2 ta' Settembru, 2006, ghall-habta tas-6.30 ta' fil-ghaxija, gewwa l-ex-fabbrika ta' A.C.R.I.S. Containers Ltd, li tinsab fi Vjal Sir Paul Boffa, Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq mill-istess fabbrika, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun kwalifikat bil-valur, bil-lok, u bix-xorta ta' haga misruqa, ghad-dannu ta' l-Intrapriza Governattiva, Malta Industrial Parks Ltd;

2. U aktar talli nhar is-26 ta' Awwissu, 2006. ikkommetta serq ta' ghaxar pjanci tal-hadid minn gewwa l-ex-fabbrika ta' A.C.R.I.S. Containers Ltd, li tinsab fi Vjal Sir Paul Boffa, Rahal Gdid, liema valur jeccedi l-Lm100.00 ghad-dannu ta' l-Intrapriza Governattiva Malta Industrial Parks Ltd, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-lok, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 267, 269(d), u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar is-26 ta' Awwissu, 2006, u fil-granet ta' wara, xjentement f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentement b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal tali proceduri sommarji.

Rat illi ezebit l-istess kunsens in terminu, l-imputat iddikjara li ma kellu ebda oggezzjoni ghal-proceduri sommarji, folio 14.

Semghet il-provi kollha.

Ikkonsidrat:

Xehed PS 1594 Brian Caruana fuq informazzjoni li fabbrika tal-kartun li ma kinitx qed tintuza kienet qed tigi misruqa. Qal illi marru fuq il-post.  Fuq il-post sabu lill-kuntratturi li kienu qeghdin jahdmu fuq l-istess sit. Sabu wkoll lil certu Disma Attard. Dahlu gewwa u hemm sabu lil certu David Farrugia.  Sabuh hemmhekk bi tnalja f'idejh qieghed jaqla' l-pjanci minn fuq is-saqaf. Bhala pulizija qallu biex jieqaf u dan hekk ghamel mill-ewwel. Xehed ukoll illi nqalghu xi argumenti bejn dan Farrugia u l-kuntratturi, stante li dan beda jallega li kienu huma stess li tawh il-permess, cioe' li kien it-tifel ta' Disma l-kbir li tah il-permess jaghmel dan. Qal illi qabel ma telqu minn fuq il-post innota li kien hemm madwar tletin pjanca gia' maqlughin u stivati.  Fuq il-post l-imputat kien mar b'mutur li kien gie konfiskat.  Dan it-tifel ta' Disma, anke waqt konfront ma' l-akkuzat, innega li kien tah il-permess jiehu l-pjanci.

Ghalhekk minn naha tieghu Disma Attard  xehed illi waqt li kienu ghaddejin mill-Marsa, semghu l-hsejjes fil-fabbrika li qieghda hdejn il-Power Station.  Spjega li huma l-fabbrika kienu haduha mill-MIP u li kienet fabbrika tal-kartun.  Qal illi hemm sab bniedem jaqla' l-pjanci. Qal ukoll illi cempel lill-pulizija u li ma dahalx fuq dan il-bniedem. Qal illi hu lil dan il-bniedem rah ghax ittawwal minn got-tieqa. Kien jaf lil dan il-bniedem bl-isem ta' David li gharfu fl-Awla bhala l-imputat.  Qal li hu kien jafu qabel kif ukoll li hu qatt ma tah permess li jiehu xi haga. Xehed ukoll li fil-fabbrika kien hemm kartun, pressers, kif ukoll equipment.

Xehed ukoll Disma Attard il-missier. Qal illi hu kien xtara fabbrika gewwa Rahal Gdid mill-MDC li kienet qieghda tigi zarmata.  Qal illi kien il-Hadd u marru jittawwlu x-xoghol, u semghu hoss. Semghu l-pjanci qed jiccaqalqu. Irrapurtaw

dan lill-pulizija. Meta dahlu fil-fabbrika maghhom sabu wiehed qieghed izarma. Qal li dan il-wiehed inzerta kien jafu u ghalhekk gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Qal illi kienu qed jinghalqu xi pjanci mill-fabbrika. Xehed ukoll illi dawn pero ma kinux tieghu, kienu ta' MDC. Innega li hu kien gie avvicinat minn xi hadd dwar dak li kellu jigri fil-fabbrika qabel it-2 ta' Settembru. Ikkonferma li l-pjanci kienu dawk li kienu jidhru fir-ritratti, Dok JB1.

L-Ispettur Jesmond Borg minn naha tieghu ezebixxa sett ritratti li kienu juru l-pjanci mwahhlin u dawk spostjati, Dok JB1. Dawn gew mehuda minn PC 94 Jack Farrugia li kkonferma l-istess.

Il-Perit George Cilia intalab, bhala addett mal-Malta Industrial Industry cioe' ex MDC, stima tal-pjanci li kien hemm fuq is-saqaf tal-fabbrika in kwistjoni. Dan il-prezz skondtu kien ivarja minn Lm4,500.00 sa Lm5,500.00, dan bhala scrap metal (vide Dok GC folio 50). Dwar il-valur ta' l-affarijiet misruqa, dan ta valur ta Lm350.00 jew Lm360.00, dan fil-konfront tal-hmistx-il pjanca li kienu ttiehdu minn mas-saqaf, vide stima a folio 54.

Rat li maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, id-Difiza talbet li jigi redatt Social Inquiry Report. Ghalhekk xehed f'dan ir-rigward l-Ufficcjal tal-Probation John Testa. Qal li minn naha ta' l-imputat bhala koperazzjoni kellu problema ghax lilu ma ridux, oppona li jsiru anke l-house visits mill-istess ufficjal mahtur. Xehed illi kien jidher li kien hemm problema tad-droga, ghalhekk gie riferut il-Caritas, pero ma wera ebda hegga biex jaghmel dan. Qal ukoll illi l-imputat l-unika xoghol li kellu kien ghal inqas minn sena fis-sena 1997, Dok JT folio 93.

Victoria Scicluna dwar l-andanment ta' Farrugia xejn ma tat stampa pozittiva. Anzi qalet illi ilu bil-kuntatt mad-Detox mis-sena 2002, Mejju, u qatt ma ghamel progress sinjifikanti. Tkellmet fuq l-IQ baxx tieghu, tant illi hu ma kellux insight dwar il-problema li kellu u d-dipendenza tieghu. Ikkonfermat li jaghmel uzu persistenti ta' l-eronina u f'dawn id-disa' snin dejjem immarka pozittiv. Qalet illi hu,

ghalkemm kellu hafna offerti t'ghajnuna, bhal dik li jara psikologista, din hu rrifjutaha.

Meta regghet xehdet, ghalkemm qalet li anke kien gholla l-methadone, pero ma kellu ebda programm fil-pjan tieghu. Xehdet ukoll illi kien qieghed jaghti regular urines. Spjegat ukoll illi hu kien jghix go environment primittiv li ma tantx kien jghinu fil-problema li kellu. Ghalkemm ma kinitx favur li l-imputat jaghmel programm kienet ta' l-opinjoni li jircievi ghajnuna psikologa.

Ikkonsidrat :

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti ghandha kull konvinzjoni li David Farrugia kien hati tas-serq lilu addebitat. Ghalhekk qieghda ssibu hati taht l-Artikoli 18, 41, 334, 261, 269, 371, 378, 389, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieghda pero tilliberah mill-addebitu tar-recidiva in kwantu dan ma rrizultax.

Ma tqisx li hawn hemm bzonn ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-imputat qatt ma jirrizulta li wera xi antagonizmu versu l-familja Disma, lanqas ma huwa applikabbli l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, wara li rat l-Artikoli li taghhom sabitu hati;
Rat ukoll il-fedina penali tieghu;
Qieset li qajla f'dawn l-ahhar ghaxar snin ghamel progress biex johrog mill-problema tad-droga;
Qieset li ma ngabet ebda prova tar-recidiva.

Tikkundannah ghal sentejn(2) habs sospizi ghal erba'(4) snin;
Tqieghda wkoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdu taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn(2), b'dan illi ghal dan l-iskop qieghda tahtar bhala ufficjali sorveljanti lil **<u>Ivan Sultana</u>**;
David Farrugia ghandu, taht id-direttivi lilu moghtija mill-ufficjal sorveljanti, izomm dak il-kuntatt lilu ndirizzat u

mehtieg ma’ kull agenzija kontra l-abbuz tad-droga, kif ukoll illi jobdi d-direttivi tal-ufficjal sorveljanti li jzomm kuntatt mal-psikologista ta’ l-istess agenzija.

Ghandu jkun mifhum mill-istess David Farrugia illi jekk jonqos milli jobdi xi direttiva kif hawn fuq indikat, jiskatta kontra tieghu l-perjodu ta’ habs sospiz. L-ufficjal sorveljanti huwa ordnat illi immedjatament li l-istess David Farrugia jonqos milli jaderixxi ma’ wahda mid-direttivi hawn fuq indikati, jirraporta lil din l-Onorabbli Qorti immedjatament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------